# Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (OCVO)

servizz pubbliku

## MIN AĦNA

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza ta' l-għaqdiet volontarji bħala pilastru ewlieni fi ħdan is-soċjeta' u l-ekonomija, il-missjoni aħħarija ta' l-uffiċju tal-Kummissarju hija li jkun jista' jsir dan il-pilastru so1jo-ekonomiku ta' pajjizna ħalli jkunu jistgħu jagħtu benefiċċji soċjali, ċivili u kommunitarji. Bħala l-korp volontarju dirett lejn il-kisba tal-ġid aħħari akbar u komuni.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-link li ġejja: *https://cvo.gov.mt/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien jum ta' xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Meta żżur l-Uffiċċju tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 15 il-minuta f'ċirkustanzi normali.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 3* ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.

* Id-dati tal-appuntamenti jistgħu jiġu stabbiliti aktar tard minn 3 ijiem ta' xogħol mid-data tat-talba meta jkun meħtieġ li jsir xogħol preparatorju mill-OCVO qabel il-laqgħa.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *complaints.cvo@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issotttometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 5 ijiem ta' xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- OCVO, Sqaq Sajjan, Triq Nazzjonali, il-Ħamrun, Malta
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 08:00-14:30; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- Malta: +356 2388 4500
- *https://cvo.gov.mt/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mal-uffiċċju: *vo@gov.mt*
- Permezz tal-midja soċjali: